**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 62 - IT-TLIETA 26 TA' ĠUNJU 2017**

**LAQGĦA B'URĠENZA**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fil-17:35) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| Pubbliku preżenti: | Kien hemm ammont kbir (madwar 50 persuna) preżenti | |

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li ma kellu l-ebda notifika ta' apoloġija.

**2. BIDU TAL-LAQGĦA**

2.1. Is-SE informa li din il-laqgħa ġiet imsejħa wara li Dott. Maria Deguara tefgħet ir-riżenja tagħha mill-Kunsill nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ġunju wara li l-Erbgħa ta' qabel ġiet eletta bħala Membru Parlamentari.

2.2. Għalhekk kif titlob il-liġi, il-Viċi Sindku tkun intitolata li tieħu l-kariga ta' Sindku filwaqt li l-persuna li tkun ġabet l-aktar voti wara l-Viċi Sindku (mill-istess partit) tkun intitolata għall-kariga ta' Viċi Sindku. L-iskop tal-laqgħa b'urġenza għalhekk kien li dawn jintalbu jikkonfermaw l-aċċettazzjoni ta' dawn il-karigi.

2.3. Imbagħad is-SE ħalla l-kelma f'idejn il-Viċi Sindku, li kienet qed tippresiedi u, wara li rringrazzjat lil dawk preżenti, stiednet lill-Onor. Maria Deguara biex tpoġġi maġenbha biex tindirizza l-Kunsill qabel ma tibda l-ħidma parlamentari tagħha.

## 3. AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGI

3.1. Wara l-indirizz tal-Onor. Deguara, is-Sinj. Muscat Fenech Adami rringrazzjatha u talbet lis-SE biex jgħaddi għas-suġġett li jmiss fuq l-aġenda.

3.2. Is-SE talab lis-Sinj. Muscat Fenech Adami biex taqra u tiffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku. Hija qrat u ffirmat l-ittra.

3.3. Is-Sindku imbagħad stiednet lis-Sur Clinton Sammut biex jaqra u jiffirma l-ittra tal-aċċezzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku. Hu qraha u ffirmaha.

## 4. DISKORS MIS-SINDKU L-ĠDIDA

4.1. Is-Sindku imbagħad qrat l-ewwel diskors tagħha bħala Sindku fejn għamlet enfasi fuq l-għaqda, investiment fl-għaqdiet lokali, ħidma kollettiva, komunikazzjoni effettiva, l-ekonomija lokali, gvernanza tajba u l-*upkeep* ġenerali tal-lokalità.

4.2. Hija spiċċat billi rringrazzjat lill-ex-Sindku, lill-Kunsillieri, lis-SE, lill-amministrazzjoni u lill-pubbliku kollu.

4.3. Is-Sindku stiednet lill-Kunsillieri li xtaqu jagħmlu interventi biex jagħmlu dan. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Galea, Brincat u Cuomo għamlu intervent fejn irringrazzjaw lill-Onor Deguara u xtaqula suċċess fil-kariga ġdida tagħha filwaqt li awguraw lis-Sindku u lill-Viċi Sindku.

4.4. Is-Sindku tat permess ukoll li jintervjeni l-ewwel Sindku tan-Naxxar, is-Sur Angelo Xuereb u lill-President tar-Reġjun is-Sur Anton Mifsud.

## 5. GĦOTI TAL-ĠURAMENTI

5.1. Is-Sindku u l-Viċi Sindku imbagħad ħadu l-ġurament ta' ħatra mill-Kummissarju tal-Ġustizzja Dott. Ian Micallef.

## 6. TMIEM TAL-LAQGĦA

6.1. Wara l-ġuramenti s-Sindku d-dikjarat il-laqgħa magħluqa. Il-ħin kien is-18:00.

| | |
|---|---|
| *(iffirmati)* | *(iffirmati)* |
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |